## Spjegazzjoni tal-Quddiesa fil-Ħdud tal-Għid

Il-Ħadd li għadda, fl-Evanġelju smajna kif Tumas, meta ma kienx ma' sħabu l-Appostli ma rnexxilux jiltaqa' mal-Mulej. Imma xħin reġa' ngħaqad magħhom tmint ijiem wara l-Għid, irnexxielu jiltaqa' u jagħraf lill-Mulej Ġesù ħaj u rxuxtat.



Aħna wkoll qed nibqgħu niltaqgħu flimkien fil-Jum tal-Ħadd, biex niltaqgħu mal-Mulej Ġesù u nagħrfu kif għadu ħaj fostna. Il-Quddiesa li ninġabru għaliha, tgħinna nagħmlu din l-esperjenza ħajja ta' Ġesù. Għalhekk f'dawn il-Ħdud, madwar Għawdex kollu fil-knejjes tagħna minflok il-prietka, ser nispjegaw il-quddiesa biċċa biċċa. Dan jgħinna nifhmu aħjar is-sens tar-riti u l-ġesti li nkunu qed nagħmlu, ħalli ngħixuhom aħjar u ngawdu aktar minn dak li l-Mulej jixtieq jagħtina f'kull ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

## Jibda l-proċess tal-għażla tal-Papa l-ġdid

F'dawn il-jiem il-komunità Nisranija qiegħda tistenna ħerqana l-għażla ta' Papa ġdid li jista' jkompli jmexxi l-Knisja ta' Kristu. Kif tafu, il-Konklavi, jiġifieri dak il-proċess ta' dixxerniment li fih il-Kardinali jagħżlu l-Papa, ser jibda nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2025. Dakinhar tkun l-ewwel Erbgħa ta' Santa Marija. Għalhekk, nhar it-Tlieta 6 filgħaxija fis-7.00pm, ser ssir il-Quddiesa "għall-għażla tal-Papa".

Tajjeb li f'dawn il-jiem, fl-Adorazzjoni personali tagħna, fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù filgħodu u filgħaxija fil-Prayer Room, nitolbu sabiex l-Ispirtu Santu jnebbaħ lill-Kardinali biex jitfgħu l-ħarsa tagħhom fuq il-persuna li hu jixtieq li tmexxi l-Knisja fis-snin li ġejjin. Niftakru wkoll fit-talb tagħna għal ħuna l-Kardinal Mario Grech li huwa wkoll bi providenza ta' Alla jagħmel parti minn dan il-proċess.



Nhar **it-Tnejn 5 ta' Mejju** fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani tan-Nadur, se ssir **il-laqgħa tal-Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù**. Il-programm ser ikun hekk: Rużarju fl-4.00pm u wara Quddiesa. Ċelebrant: Dun Salv Grima. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd hu mistieden.

Nhar **l-Erbgħa 7 ta' Mejju** jibdew **l-Erbgħat tal-Madonna ta' Pinu**. Ikun hemm minibus li titlaq mill-Pjazza fil-5.30am għall-quddiesa tas-6.00am.

Nhar **il-Ġimgħa 9 ta' Mejju:**

- ser jingħad **ir-Rużarju fi Triq l-Emigranti** fis-6.00pm. Niltaqgħu flimkien nitolbu din it-talba favorita ta' Ommna Marija.
- il-quddiesa tas-7.00pm ta' ser tkun ad unur **San Ġorġ Preca**. Tfal, adolexxenti, żgħażagħ, ġenituri u ħbieb huma mistiedna jattendu għal din il-quddiesa.

## Tibdil fit-Tberik tal-Ħamis 8 ta' Mejju filgħodu:



It-tberik li kien se jsir minn Dun Reuben se jsir l-Erbgħa 14 ta' Mejju filgħodu.

It-tberik li kien se jsir mill-Arċipriet se jsir l-għada l-Ġimgħa 9 ta' Mejju filgħodu.

## Grazzi tal-ġenerożità kbira tagħkom

€830.63 għall-Fondazzjoni Arka, waqt il-festa ta' San Blas, f'Jannar;
€4,017.69 għall-Missjoni Dun Raymond ġewwa l-Perù;
€1,561.34 għall-Obolo ta' San Pietru: l-opri tal-karità tal-Papa;
€1,501.00 għas-saċerdoti tad-djoċesi t'Għawdex f'Ħamis ix-Xirka;
€3,001.18 għas-Seminarju tagħna f'Għawdex.

Min għadu jixtieq jgħin jista' jwassal l-offerta tiegħu, permezz tal-envelopes fl-Uffiċċju Parrokkjali fil-jiem li ġejjin.

## Il-Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am